MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Numru 1285/2007

Il-Pulizija
(Spettur Johann J Fenech)

Vs

Paul Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita’ numbru 173261(M), akkuzat talli fl- 10 t’ Ottubru 2007 f’ xi hin bejn il- 22:50hrs u l- 23:30hrs fi Triq il-Bajja s-sabiha, Birzebbuga:

1. Bi vjolenza jew b’ theddid gieghel lil ufficjali pubblici u cioe PS 853 F. Sciberras u PC 417 L. Degabriele, jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x’ taqsam mal-kariga taghhom;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess PS 853 u PC 417, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. Ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq l-istess PS 853 u PC 417, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita' jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

5. Bil-lejl kiser il mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, b'mod iehor;

6. Zamm, ostakola, immolesta jew xort'ohra fixkel, jew ipprova jzomm, jostakola, jimmoleta jew ifixkel xi ufficjal tal-Pulizija, fl-esekuzzjonijiet tad-dmirijiet tieghu skond il-Ligi, jew naqas milli jaghmel dak li ragonevolment gie mitlub li jaghmel minn ufficjal tal-Pulizija jew xort'ohra milli jghinu fil-qadi ta' dmirijietu, jew li xjentement ta lil dak l-ufficjal tal-Pulizija informazzjoni falza;

7. Daqq muzika b'kull mezz gewwa post kummercjali li jkun licenzjat biex idoqq muzika amplifikata b'tali mod li nstema' minn barra tal-post wara l-11:000pm;

8. Matul dawn l-ahhar sentejn, opera jew halla li jigi operat xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel kemm-il darba dan ma kienx applika qabel u gab il-licenzja mehtiega mahruga mill-Awtorita';

9. Ikkommeta reat li ghalieh hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operativ tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. A. J. Vella fit-31/05/2007.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat qeghdha tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Dwar il-piena rat l-Artikoli 91, 95, 96, 98, 338(ee) u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 38 (2)(c) tal-Avviz Legali 1 tal-2006 u l-Artikolu 3(1) tal-Ligi Sussidjarja 409.15 u ukoll l-Artikolu 43(1) (d) tal-Kap 409. Tikkundannah LM500 multa li tawtorizza li jithalsu b'pagamenti mensili konsekuttivi u sussegwenti ta' LM50 fix-xahar l-ewwel pagament fl-ahhar ta' Novembru, bid-dikadenza fin-nuqqas altrementi konvertibbli f'tlett xhur pregunerija, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2) tal-Kap 9 testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza tal-prigunerija sospiza infutta fuqu bis-sentenza tal- 31 ta' Mejju 2007 ghal perjodu ta' erba' snin mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------